MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-30 ta' April, 2012

Talba Numru. 230/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Sandro Mifsud [K.I. Nru. 199673M]**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa fl-20 ta' Marzu, 2012 u li permezz taghha s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf mija u dsatax-il euro u tnejn u hamsin centezmu ta' euro (€1,119.52) u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mija u dsatax-il euro u tnejn u hamsin centezmi ta' euro (€1119.52) in konessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 (AC40149437) u li jinkludi telefon 21580135; servizz ta' televisjoni 1425108900 u 1425108901 u servizz ta' ADSL liema servizzi gew ikkuntratti permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Mejju 2010;

Illi nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fl-24 ta’ Marzu, 2012, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar is-27 ta’ April, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar is-27 ta’ April, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra d-dokumentazzjoni esebita mill-istess socjeta attrici, u cioe d-dokumenti A (prospett tal-kont numru 40149437), B (*Application Form – Business Service Agreement Home Pack 42*), C (Estratt mir-Registru Elettorali) u D (ittra ufficjali maghmula taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 bin-numru 260/12);

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf mija u dsatax-il euro u tnejn u hamsin centezmu ta’ euro (€1,119.52), bl-imghax mid-data ta’ l-ittra ufficjali numru 260/12 u cioe 30 ta’ Jannar, 2012 esebita bhala dok. D (fol. 7).

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------